**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 6 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 184/16 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fil-15 ta' April, 2016 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Ottubru, 2004 u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mid-29 ta' Novembru, 2013 permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien bhala "Dokument B."

3. Illi nonostante dan huma ilhom separati de facto u ma jghixux bhala mizzewwgin sa mis-sena 2011.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala “Dokument C.”

5. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovuti.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar is-7 ta’ Ottubru, 2004.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimata li ecceppiet illi:-

1.Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tigbed a formali konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti illi ma huwiex minnu illi l-partijiet ilhom separati de facto u ma jghixux flimkien mis-sena 2011, izda mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta’ separazzjoni.

2.Illi fit-tieni lok, permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien immarkat mar-rikors promotur bhala Dok. B, hemm bosta arretrati ta' manteniment li ghadhom dovuti mill-attur lill-esponenti bhala manteniment tal-ulied minuri fl-ammont ta' €3950 liema ammont ma jinkludiex l-gholi tal-hajja.

3. Illi fil-fatt kif jirrizulta mill-annessi dokumenti Dok. SA 0 sa 9, l-attur ma hallas l-ebda manteniment bejn Dicembru 2013 u Jannar 2014, bejn Frar 2014 sa Dicembru 2014 hallas biss is-somma ta' €150 fix-xahar bhala manteniment ghal ulied minuri tal-partijiet u l-ebda hlas ma sar ghax-xhur ta' Jannar sa Marzu 2015, minkejja li permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni huwa ntrabat illi jghaddi s-somma ta' €350 bhala manteniment ghaz-zewgt minuri pagabbli kull xahar.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-pretensjonjiiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi l-elementi rikjesti tassattivament bl-artikolu 66B tal-Kodici Civili ma jezistux fil-kaz odjern u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

5. Illi l-perjodu tal-erba' snin u l-manteniment huwa l-pern tal-ammendi li sehhew u fil-kaz odjern l-Artikolu 66B (a) u (c) tal-Kodici Civili.

6.Ghaldaqstant, it-talba ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet kif dedotta mill-attur fir-rikors m'ghandhiex tintlaqa' u dan ossia ghar-ragunjjiet ta' fatt u ta' dritt.

7. B'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkun ammissibbli skond il-ligi.

**FATTI**

1. Il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Novembru, 2013 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien. L-intimata qed tikkontesta d-divorzju peress li ma kinux ghaddew erba' snin minn meta nftehet il-kawza u kien ghad fadal arretrati ta' manteniment .

2. L-intimata tispjega li minn meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni qatt ma kien hallas manteniment minn Novembru, 2013 sa Jannar, 2014. Biex ma taqlax inkwiet ma kinitx iffittatu. Skond il-kuntratt kellu jhallas €350 fix-xahar bhala manteniment. Kien imbaghad ftiehem maghha li kien ser itiha €150 fix-xahar u dan kien fl-1 ta' Frar, 2014 u baqa' jhallas hekk sal-1 ta' Dicembru, 2014. Tghid li tul dan il-perjodu ma kinitx qalghet l-inkwiet peress li okkazjonalment kien ihallas xi mizata tal-iskola u kien ihallas ukoll il-kotba u l-uniformi u hi xorta baqqghet thallas xi affarijiet peress li din is-somma ma kinitx bizzejjed.

3. Mill-1 ta' Jannar, 2015, ir-rikorrent ma baqax ihallas il-manteniment li kien qieghed ihallas u rceviet ittra minghand l-avukat tieghu biex ibiddel il-klawsoli tal-kuntratt rigward manteniment. Kien ghalhekk li kellha tirrapportah mal-pulizija talli ma kienx qed ihallas il-manteniment u wara li rrapportatu darbtejn, kien beda jhallas il-manteniment b'mod regolari fl-ammont ta' €350 u tghid li dan l-ammont qatt ma nbidel jew zdied skond l-gholi tal-hajja. Ghalkemm kien gie miftiehem li l-ispejjes edukattivi u tas-sahha kellhom jinqasmu, kienet spiccat dejjem thallashom hi.

4. Skond omm l-intimata DE, il-partijiet kienu siefru flimkien f'Marzu, 2013 biex jippruvaw jirrangaw l-affarijiet bejniethom u kienu anke siefru fl-2012 biex jippruvaw itjebu r-relazzjoni ta' bejniethom. Fil-fatt kienet

izommilhom it-tfal. Meta gew lura minn Eurodisney kienu ddecidew li ma setghux jibqghu flimkien.

Ikkonfermat li l-intimata ma setghetx tlahhaq mal-ispejjes peress li r-rikorrent ma kienx qed ihallas il-manteniment skond il-kuntratt. Omm l-intimata fil-fatt kienet tghinha billi thallas kontijiet tad-dawl, ilma, ikel u l-ispejjes tal-post biex tghinha. Madanakollu, l-intimata qatt ma halliet lit-tfal neqsin.

5. Oht ir-rikorrent tiftakar li l-partijiet kienu jiggieldu minn dejjem, anke sa minn zmien l-gherusija. Sakemm waslu biex jisseparaw, tistqarr li r-rikorrent kien ammetta maghha li hu u l-intimata ma kinux jorqdu flimkien u kienu ilhom ighixu separati taht l-istess saqaf u l-intimata kienet tohrog hafna. Kien fetah qalbu maghha ghall-habta tas-sena 2012. L-intimata ukoll kienet telqet u regghet lura d-dar u mbaghad regghet telqet.

6. Ghar-rikorrent iz-zwieg taghhom kien ilu li sfaxxa u kienu ilhom ighixu hajja separata, zgur li aktar minn erba’ snin. Jinnega li kienu marru EuroDisney biex jippruvaw isalvaw iz-zwieg, izda kienu hadu t-tfal, tant u hekk li malli wasslu lura, l-intimata kienet regghet siefret ma’ habibitha. Fl-2012 kienet telqet mid-dar minghajr it-tfal, darbtejn u ghal kollox.

Kienu mbaghad isseparaw permezz ta’ separazzjoni bonarja. Jametti li kien hemm arretrati ta’ manteniment ghax-xahar ta’ Jannar u Frar, 2015. Peress li kien beda jzomm it-tfal daqs kemm kienet izommhom hi, kien talab lill-intimata sabiex inaqqas il-hlas ta’ manteniment mis-somma ta’ €350 ghal €150 u kienet accettat u kien qieghed ihallas l-ispejjes tat-tfal ukoll. Ir-rikorrent ighid li kien ried ibiddel il-kuntratt ta’ separazzjoni f’dan is-sens

peress li kienu mixjin harir l-affarijiet, izda l-intimata kienet opponiet u spicca li kien accetta li jibqa' miexi skond il-kuntratt.

Ir-rikorrent jinsisti li l-intimata kienet ghad trid thallsu s-somma ta' €850 ghall-polza ta' assikurazzjoni li kien hallas wahdu u kellha thallsu ukoll ta' nofs il-hlasijiet tal-homeloan li hallas minn Marzu sakemm gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u dawn kienu jammontaw ghal €1228.

Kien anke halla d-dar, kollezzjoni tal-Iswarowski li tiswa' cirka €18,000 u l-intimata kienet ghadha ma tathomlux.

7. Il-genituri tar-rikorrent FB u GHB kienu jafu li mis-sena 2012, ir-rikorrent binhom kien qed jorqod fil-kamra ta' bintu u dan meta kienu bdew hafna problemi peress li l-intimata kienet tohrog filghaxijiet u tidhol tard. Kien hemm xi darbtejn meta l-intimata kienet telqet mid-dar u regghet marret lura.

   Wara li sseparaw, jikkonfermaw li l-partijiet kienu ftehmu dwar modalitajiet fl-access, b'tali mod li l-minuri kienu se jkunu mal-genitur rispettiv f' granet indaqs u mhux skond il-kuntratt. Il-genituri tar-rikorrent ikkonfermaw il-fatti kif prodotti minnu.

8. Hu r-rikorrent IB kkonferma ukoll li kien jaf li l-problemi fiz-zwieg ta' huh kienu jmorru lura sas-sena 2011 meta kienu waqqfu r-relazzjonijiet intimi bejniethom u fis-sena 2012, l-intimata kienet telqet lir-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

In rigward tal-ewwel eccezzjoni, fil-verbal tad-29 ta' Jannar, 2019 il-partijiet qablu li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata peress li ghaddew erba' snin minn meta sseparaw.

L-intimata mhix qed toggezzjona ghad-divorzju, izda tinsisti fuq l-arretrati ta' manteniment. Skond it-talbiet taghha qed tippretendi li r-rikorrent ihallasha l-ammont ta' €3950 stante li bejn Frar, 2014 u Dicembru, 2014 kien hallas biss €150 fix-xahar minflok il-€350 li kellu jhallas skond il-kuntratt ta' separazzjoni. Ma kienx hallas bejn Dicembru, 2013 u Jannar, 2014 u minn Jannar sa Marzu, 2015.

Fix-xhieda taghha, l-intimata tametti li kienet accettat li ghal perjodu r-rikorrent hallas l-ammont ta' €150 peress li f'dak iz-zmien kien qed ihallas xi spejjes ohra tat-tfal. Ir-rikorrent jinsisti li kienu waslu ghal dan l-ammont peress li l-minuri kienu jqattghu l-istess granet mieghu, daqs kemm kienu jkunu mal-intimata. Kien biss meta kien ittenta jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni fuq l-hlas ta' alimenti, li oggezzjonat l-intimata u beda jerga' jhallas skond il-kuntratt ta' separazzjoni. Mill-gbir tal-provi, l-intimata naqset li tipprovdi kif waslet ghall-ammont ta' €3950, ghax kalkolazzjoni tal-ammonti li qed tippretendi l-hlas taghhom ma jammontawx ghal dan l-ammont pretiz. Hemm qbil pero' li ma kienx hemm pagamenti ghal Jannar u Frar, 2015, izda r-r-rikorrent kien dispost li jhallas dawn l-arretrati.

Mir-rizultanzi processwali, minkejja li hemm stipulat il-kuntrarju, skond il-kuntratt ta' separazzjoni, ir-rikorrent mhux qed ihallas sehemu ta' nofs l-ispejjes u edukazzjoni, meta ghandu l-obbligu li jaghmel dan.

Jidher li kien hemm konsistenza da parti tar-rikorrent fil-hlasijiet tal-manteniment, minkejja li ma kinux jirriflettu l-ammont reali, u meta naqas li jhallas kien biss ghax kien qed isegwi parir tal-avukat. Jirrizulta mbaghad li hemm diversi ammonti pretizi mir-rikorrent li ghadhom ma thallsux mill-intimata. Dawn ma gewx ikkontestati mill-intimata.

Ir-rikorrent da parti tieghu jikkonferma li kien naqas li jhallas manteniment ghall-perjodu ta' Jannar u Frar, 2015 fuq parir tal-avukat u dan huwa kkorroborrat mill-intimata stess, li pero' semmiet ukoll li ma sarx hlas ta' manteniment ghax-xahar ta' Marzu, 2015, izda ma gabet xejn biex tikkontesta dan.

Il-Qorti rat li gialadarba li r-rikorrent naqas li jaghmel xi pagamenti ta' manteniment, isegwi ghalhekk li ma rnexxielux jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul. Madanakollu, din il-Qorti trid tezamina l-parametri li fihom ma thallasx il-manteniment u f' xiex jikkonsistu dawn l-arretrati. Peress li mill-provi jirrizulta li kien hemm xi ammonti mhux sostanzjali li ma thallsux u li ma kinux tant li jistghu jxexklu lill-intimata u oltre minn hekk, l-istess rikorrent hu dispost li jhallashom. Tenut kont tal-bona fide tar-rikorrent, tkun haga ngusta li ma jinghatax il-hall taz-zwieg.

Il-Qorti tifhem li l-minuri qed ikunu mieghu daqs kemm ikunu mal-intimata, ciononostante, hu obbliga ruhu li jhallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha skond il-kuntratt ta' separazzjoni tad-29 ta'

Novembru, 2013 u dan ghandu jsir b'effett immedjat u fin-nuqqas l-intimata ghandha kull dritt li tirrizerva d-drittijiet taghha ghal tali hlasijiet.

Oltre minn hekk jidher li ma kinitx tezisti c-cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis-7 ta' Ottubru, 2004, bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**